



2024/1295

6.5.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1295

tas-26 ta' Frar 2024

dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u l-istandards ta' ttestjar għall-pajpijiet għat-tifi tan-nar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-applikazzjoni uniformi tal-istandards internazzjonali ta' ttestjar u tal-proċeduri għall-approvazzjoni tat-tagħmir tal-baħar hija żgurata bid-Direttiva 2014/90/UE.
- (2) It-tagħmir tal-baħar li għandu jitqiegħed fuq il-bastimenti tal-UE għandu jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/90/UE, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 35(2) ta' dik id-Direttiva, li jindikaw ir-rekwiżiti rispettivi ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni u l-istandards ta' ttestjar previsti fl-istrumenti internazzjonali fir-rigward ta' dan it-tagħmir tal-baħar.
- (3) Għal raġunijiet ta' sikurezza, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) teħtieġ il-ġarr u l-approvazzjoni ta' pajpijiet għat-tifi tan-nar abbord il-bastimenti.
- (4) Bħalissa ma hemm l-ebda standard internazzjonali għall-ispeċifikazzjoni teknika u ttestjar ta' pajpijiet ċatti għat-tifi tan-nar mhux perkolanti b'dijametru intern akbar minn 52 mm u għalhekk dawn il-pajpijiet mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ. In-nuqqas ta' standards internazzjonali jfisser li dawn il-pajpijiet ma jistgħux jiġu vvalutati u approvati għall-użu abbord il-bastimenti tal-UE f'konformità mad-Direttiva 2014/90/UE. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni jwassal għal livelli differenti ta' sikurezza tal-prodotti abbord il-bastimenti tal-UE, li potenzjalment iwasslu għall-ħsara f'dawn il-prodotti waqt li jkunu qed jintużaw, li qed joħloq riskju serju u inaċċettabbli għas-saħħa u s-sikurezza marittima, u piż amministrattiv għall-Istati Membri.
- (5) Ma hemm l-ebda standards internazzjonali għall-ittestjar tar-reżistenza għall-brix ta' pajpijiet ċatti għat-tifi tan-nar mhux perkolanti b'dijametru intern ta' bejn 25 mm u 52 mm u għalhekk dawn l-standards mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ. Fin-nuqqas ta' standards internazzjonali, dawn il-pajpijiet ma jistgħux jiġu vvalutati għall-konformità fir-rigward tar-reżistenza għall-brix f'konformità mad-Direttiva 2014/90/UE. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni għat-testijiet tal-brix iwassal għal ħsara bikrija potenzjali ta' prodotti bħal dawn meta jintużaw abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE. Dan qed joħloq riskju serju u inaċċettabbli għas-saħħa u s-sikurezza marittima.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u standards ta' ttestjar għall-pajpijiet ċatti għat-tifi tan-nar mhux perkolanti b'dijametru intern akbar minn 25 mm. Jenħtieġ li daww l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta' ttestjar jibqgħu applikabbli sakemm l-istrumenti internazzjonali jkunu ġew emendati biex jinkorporaw standards ta' ttestjar xierqa għal dawn il-pajpijiet,

⁽¹⁾ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/90/oj>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards ta' ttestjar stabbiliti fl-Anness għandhom japplikaw għall-pajpijiet ċatti għat-tifi tan-nar mhux perkolanti b'dijametru intern akbar minn 25 mm.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Speċifikazzjonijiet tekniċi u standards ta' ttestjar għall-pajpijiet għat-tifi tan-nar ċatti mhux perkolanti b'dijametru intern akbar minn 25 mm

Ref.	Entrata	Standards ta' ttestjar
1.	Pajpijiet għat-tifi tan-nar b'dijametru intern akbar minn 25 mm	<p>— NF S 61-112 (Ġunju 2019)</p> <p>NB: F'konformità mar-Regolament 10.2.3.2.1, il-Parti B tal-Kapitolu II-2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), id-dijametri tal-pajpijiet għat-tifi tan-nar huma meħtieġa li jkunu għas-sodisfazzjon tal-amministrazzjoni.</p>
2.	Pajpijiet għat-tifi tan-nar b'dijametru intern akbar minn 25 mm	<p>— DIN 14811 (Jannar 2008) esklużi r-reqwiżiti tat-taqsima 5.3.</p> <p>NB: F'konformità mar-Regolament 10.2.3.2.1, il-Parti B tal-Kapitolu II-2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), id-dijametri tal-pajpijiet għat-tifi tan-nar huma meħtieġa li jkunu għas-sodisfazzjon tal-amministrazzjoni.</p>